MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 893/2001/1

**Frontline Marketing & Communications Limited u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2004, Robert Ebejer bhala stralcarju tal-istess socjeta attrici.**

**Vs**

**Trp (Malta) Limited u William Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett elef tlett mija disa' u ghoxrin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (m3,329.32) rapprezentanti advertising, xoghol ta' 'art work', 'design', printing, u ohrajn maghmula mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' TRP (Malta) Ltd, flimkien ma' l-imghax relattiv ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-

istess ammont mid-data ta' meta dan id-dejn kien dovut. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut William Caruana (fol 10 tal-atti u fol 22) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi sa fejn jaf l-eccipjenti s-socjeta' attrici kkuntrattat ma' terzi ghax-xoghol li tieghu qeghda tirreklama l-prezz u zgur mhux ma' l-istess eccipjenti;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid iggib il-prova li x-xoghol li tieghu qeghda tirreklama l-prezz effettivament sar;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota presentata u annessa mal-atti a fol 11 tal-atti.

Rat li s-socjeta konvenuta giet notifikata skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kapitolu presentat 'seduta stante' fl-4 ta' Marzu 2003 fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 20 tal-atti) liema socjeta ma dehritx fis-seduta sussegwenti mizmuma fl-24 ta' Gunju 2003 (fol 21 ibid).

Rat id-digriet taghha moghti fil-21 ta' Mejju 2004 (fol 51 sa fol 53 tal-atti) u li bih Robert Ebejer gie awtorizzat li jirrapresenta s-socjeta attrici bhala stralcarju tal-istess socjeta attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-premess u mill-atti:

a) is-socjeta konvenuta baqghet kontumaci u ma kkontestatx dak mitlub fl-avviz in esami jew bid-dehra

taghha jew permezz ta’ eccezzjonijiet sottomessi bil-miktub.
b) Il-konvenut ghamel tali kontestazzjoni pero’ ma jidhirx mill-atti illi issottometta xi prova in sostenn ta’ dak eccepit minnu.

Ikkunsidrat

Illi, prodott mis-socjea attrici, xehed Karl Grech (fol 26 u fol 33 et seq ibid) li, fiz-zmien in kwistjoni kien direttur tas-socjeta attrici u dan, wara li spjega illi l-ammont specifikat fl-avviz kien u ghadu dovut minhabba xoghol ta’ publicita’ u “marketing” esegwit minnhom u dan, anke, kif risultanti mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud u annessi a fol 35 sa fol 50 tal-atti.

Illi, pero’, in vista li l-konvenut issottometta fl-eccezzjonijiet tieghu, ili “…. Ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici ….”, gew analizzati l-provi prodotti sabiex l-istess Qorti tara min hu responsabbli, legalment u bhala fatt ghall-pagament tal-istess ammont.

Illi, l-imsemmi xhud semma li x-xoghol kif deskritt kien jsir mis-socjeta attrici fuq ordni ta’ diversi klijenti fosthom is-socjeta konvenuta. Hu kompla biex jghid illi l-konvenut, William Caruana, kien “… introducih ma wiehed involut fis-socjeta TRP (Malta) Limited” ossija John Croft, li “Inkarigani, filfatt, naghmel ix-xoghol in kwistjoni”. Difatti, is-socjeta attrici kienet esegwit diversi xogholijiet “… ghal din il-kumpanija u thallasna normalment”.

In rigward dawn il-hlasijiet ix-xhud specifika illi “… dawn kienu jsiru permezz ta’ diversi cekkijiet” b’diversi min dawn jinhargu minn William Caruana, f’ismu (ara d-dokument esebit a fol 30 tal-atti). Minn dan l-ahhar dokument filfatt jirrisulta illi pagament wiehed kien sar minn “W Caruana (Lapsi)” u iehor minn “TRP (W Caruana)”. L-istess xhud, wara li pprova jispjega r-relazzjoni li kien hemm bejn is-socjeta konvenuta u il-konvenut sema’ li meta l-ammont in esami ma kienx thallas, il-konvenut kien, verbalment, qallu li “… ser inhallsek pero ma kienx jaf meta” u “hemmhekk

hemm nies inkompetenti involuti u li kien kecca lil kulhadd u ghalhekk kien ser jiehu hu".

Illi ta' min isemmi, ukoll, illi fid-dokumenti msemmija tissemma kumpanija ohra ossija "The Restaurant Partnership Malta Ltd' bhala dik lilha ntbaghtu l-fatturi. Difatti l-istes xhud semma' li "Ic-cekks li bihom kont nithallas kienu jigu minn 'accounts' differenti".

Ikkunsidrat

Illi, minn dak premess, jidher evidenti illi l-ordnijiet kienu jsiru mis-socjeta konvenuta waqt li William Caruana kien agixxa bhala intermedjarju bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta. Dwar dan il-punt, il-Qorti esplorat wkoll jekk, filfatt, il-konvenut jistax jigi kunsiderat bhala garanti ghall-pagamenti tal-istess somma dovuta, flimkien ma socjeta konvenuta. Dwar dan il-punt, il-Qorti rat l-Artikolu 1929 tal-Kodici Civili li jghid illi l-garanzija ma tistax tigi prezunta izda ghandha tkun espressa. Inoltre skond l-artikolu 1233 tal-istess Kodici tali garanzija kellha tkun bil-miktub 'ad validatatem'.

Illi minhabba dak premess, mill-provi kif esposti, ma irrisultax, b'mod car, li l-konvenut kien qed jagixxi 'proprio' izda jidher li, kif di gja nghad, kien assuma rwol ta' intermedjarju bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta. Minhabba dan, il-Qorti tara li ma tistax tikkundanna lill-konvenut sabiex hu ukoll jhallas l-ammont dovut, kif specifikat fl-avviz minhabba li ma irrisultatx, b'mod car, li hemm relazzjoni guridika diretta bejn l-istess konvenut u s-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-imghax kif mitlub, ma rrizultatx cara mill-provi d-"data ta' meta dan id-dejn kien dovut" u ghalhekk ser jigi deciz li l-istess imghax jibda' jiddekorri mid-data tal-presentata tal-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tibqa' l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut u tilliberah mill-

osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil Robert Ebejer bhala stralcarju tas-socjeta attrici s-somma ta’ Lm3329.32,0 u bl-imghax legali mill-24 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------